**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 08/24**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 8 ta' Lulju 2024 |
| **Ħin:** | 5:32pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Joan Agius - Sindku<br>Raymond Caruana - Viċi-Sindku<br>Enya Abela - Kunsilliera<br>Christian Attard - Kunsillier<br>Anthony Aquilina - Kunsillier (Sas-7:30pm)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-5:43pm)<br>Ivan Giardina - Kunsillier (Sat-7:46pm)<br>Luke Dublet - Kunsillier<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **08.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **08.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **08.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **08.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **08.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **08.06** | **Il-Manuċċa Child Day Care Centre;** |
| **08.07** | **Ġnien Brejġu;** |
| **08.08** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **08.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **08.10** | **Mozzjonijiet; u** |
| **08.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**08. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija mressqa. | |

**08. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Aquilina | Il-Minuti 07/24 inqraw u ġew approvati nem.con mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**08. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2 2 | | | Is-Sindku qalet li l-Ġimgħa, 5 ta' Lulju ttieħdu l-ġuramenti tal-Viċi-Sindku, s-Sur Raymond Caruana u s-Sindku s-Sa. Joan Agius. Iċ-Ċerimonja saret fi Ġnien iċ-Ċiniżi u kienet organizzata mir-Reġjun Nofsinhar. Żiedet ukoll li ma din il-bidla, iridu jinbidlu wkoll il-firmatarji tal-banek. Għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-kunsilliera sabiex is-Sa. Joan Agius tieħu post s-Sa. Maria Dolores Abela. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u ser inkunu qed inkellmu l-banek BOV u APS biex tiġi attwata din il-bidla. | |

**08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | | Sindku: Dekasteri | Is-Sindku qalet li mid-dekasteri hekk kif kienu mqassma kien hemm tibdila żgħira fejn Doublet ser ikun qed jieħu ħsieb il-ġonna kollha u Giardina ż-żoni u sqaqin mhux urbani. Dwar dan kien hemm qbil. | |
| 08 | 3 | 2 | | Sindku: Xogħol f'Tal-Barrani | Is-Sindku qalet li l-Erbgħa li għadda kellhom laqgħa ma' IM sabiex fejn spjegalwna aħjar il-proposti fuq il-pajnti ppublikati dwar iż-żona tal-barrani qabel jibda x-xogħol. Għal il-laqgħa attendew is-Sindku, Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku tat ftit spjegazzjoni żgħira dwar kif inhu l-pjan u kif ser jimxi t-traffiku. Ġew murija wkoll il-pjanti. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Ministru u qallha sabiex għada t-Tlieta ssir laqgħa u jiġi diskuss ukoll ir-roundabout li ser issir fejn il-Lidl. | |
| 08 | 3 | 3 | | Sindku: Żoni | Is-Sindku qalet li ż-żoni tal-lokal tqassmu kollhabejn il-kunsilliera, sabiex kulħadd ikollu żona fejn jieħu ħsieb. | |
| 08 | 3 | 4 | | Sindku: *Community Workers* | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Head tad-District Operations. Talbet għal iktar nies. Is-Sindku u Doublet qed iduru dawn il-ħaddiema sabiex jissorveljaw ix-xogħol. | |
| 08 | 3 | 5 | | Sindku: Laqgħa mal-Arċipriet | Is-Sindku qalet li ltaqgħet mal-Arċipriet u feraħ lill-Kunsill kollu. | |
| 08 | 3 | 6 | | Sindku: Dawl fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li ltaqgħet ma' Joe tan-Nexos sabiex jitjieb d-dawl f'dan il-ġnien. | |
| 08 | 3 | 7 | | Sindku: Ħaddiema klerikali | Is-Sindku qalet li tkellmet mal-ħaddiema klerikali u ġew diskussi xi tibdiliet fosthom l-uniformi sabiex dawn isitu polo shirts + chinos. | |
| 08 | 3 | 8 | | Sindku: Quddiea ta' ringrazzjament | Is-Sindku qalet li kulħadd huwa mistieden għall-quddiesa li ser issir nhar is-Sibt, 13 ta' Lulju 2024 bħala ringrazzjament fis-6.30pm. Ser issir tislima lil dawk li ħallewna u wara jsri riċeviment fi Ġnien il-Kmandant. Ġew mistiedna wkoll familjari ta' dawn li ħallewna. | |
| 08 | 3 | 9 | | Sindku: *Slow Streets* | Is-Sindku qalet li staqsewna jekk hux ser immexxu dwar dan il-proġett. Kien hemm qbil li għalissa dan ma jsirx. | |
| 08 | 3 | 10 | | Sindku: Lista ta' xogħolijiet fit-toroq | Is-Sindku qalet li IM dlawaqt jibda x-xogħol fuq it-toroq li kienu proposti li jinqalgħu u jingħata wiċċ ġdid. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08 3 11 | | Sindku: Bust ta' Sur Joe Attard / Zebra Crossing Triq Alfredo Cachia Zammit | Is-Sindku semmiet ix-xogħol li għandu jitwettaq f' Misraħ Sant'Anġ. Tqajjmet id-diskussjoni dwar il-post fejn dan għandu jsir. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dan għandu jsir fi Pjazza Gregorio Bonici. Ġiet diskussa wkoll iz-zebra crossing ta' Triq Alfredo Cachia Zammit. Kien hemm diskussjoni fejn din għandha tiċċallaq u jekk ikun hemm bżonn terġa tiċċaqlaq min għandu jħallas l-ispiża. Kien hemm qbil unanimu li din għandha tiċċalaq fejn propost spejjes tal-kunsill. Dan ser jiġi ffinanzjat mill-Gal Xlokk. | |
| 08 3 12 | | Segretarju Eżekuttiv: Dawl fi Ġnien iż-Żgħożija | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Andrew Vella sabiex jagħmlu d-dawl LEDs tal-istess ġnien kif ukoll Ġnien iċ-Ċrieki. | |

**08. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 4 1 | | Viċi-Sindku: Triq Bugħarbiel | Il-Viċi-Sindku ressaq proposta sabiex Triq Bugħarbiel għandha tiġi one-way. Ser isir pjan ħolistiku dwar l-immaniġjar tat-traffiku taż-żoni kollha u mhux triq waħda. | |
| 08. 4 2 | | Abela: *Crash barriers* | Abela qalet li hemm bżonn isiru *crash barriers* matul it-Triq l-Aħħar Ħbit tat-Torok. Attard talab ukoll li jsiru xi bankijiet matul it-triq biex anzjani ikunu jistgħu jistrieħu kif jgħajjew. | |
| 08. 4 3 | | Attard: Triq Wied il-Għajn | Attard qal li jridu jerġgħu isiru l-mirja u *sleeping police* f'din it-triq. | |
| 08. 4 4 | | Attard: Daħlet il-Qadi | Attard ressaq proposta sabiex l-i-bins f'din id-daħla jitneħħew għax qed ikunu ta' inkonvenjenza għar-residenti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u se naraw fejn dawn jistgħu jiġu rilokati. | |
| 08. 4 5 | | Attard: Triq Joe Attard | Attard qal li l-parti t'isfel għandha tiġi *no entry* kif kienet qabel. | |
| 08. 4 6 | | Doublet | Doublet ressaq ilmenti dwar karozzi bil-Y plates fit-Triq Anġlu Grima, talab li jsiru CCTV's fil-ġonna kollha. Hemm bżonn tarmak fiż-żona ta' Ġebel San Martin. Is-Sindku semmiet ukoll toqob fi Triq Ħal Tarxien. Dawn infettħu mill-WSC għall-Man holes. | |
| 08. 4 7 | | Caruana Roderick: *Bus Shelters* | Staqsa dwar tindif. Attard qal li dawn tnaddfu minn naħa tal-cleansing. Qal li talab sabiex ituhom ħasla bil-power wash. | |

**08. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 5 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**08. 6.** **Il-Manuċċa Child Day Care Centre;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Sindku: Bord | Is-Sindku qalet li l-bord il-ġdid ser ikun magħmul minn:<br>1) Is-Sur Claude Camilleri - Ex-kunsillier.<br>2) Is-Sa. Ruth Scerri - *Social worker.*<br>3) Is-Sur Svea Buhagiar - Għalliema.<br>Kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu maħtura fil-bord.<br>Is-Sindku żiedet li bħalissa hemm 9 ħaddiema u 38 tfal.<br>Is-Sindku ser tibqa' bħala manager tal-Fondazzjoni u Dorcas Camilleri ser tkun .bħala Assistent Manager. | |

**08. 7.** ***Ġnien Brejġu;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li dalwaqt jibda x-xogħol fuq dan il-ġnien. | |

**08. 8.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Attard: Mixja | Attard qal li ġie avviċinat mis-Sur Charles Seychell fejn qallu li ser issir mixja minnu miż-Żejtun sad-Dar tal-Providenza fis-27 ta' Lulju fil-5:00am. Talab is-sapport ta' kulħadd. | |
| 09. 8. 2 | | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li ser jerġgħu isiru dawn il-lezzjonijiet kull nhar ta' Erbgħa u l-Ħamis. | |
| 09. 8. 3 | | Camilleri: Erasmus | Camilleri qalet li bħalissa qed taħdem fuq żjara minn grupp ta' żgħażagħ mill-Ġermanja fiż-Żejtun. Ser jitfassal programm meta jiġu jżuruna. | |
| 09. 8. 4 | | Caruana Roderick: Clean-up | Caruana qal li qed jippjana *clean up* mal-każini u għaqdiet. | |
| 09. 8. 5 | | Abela: Diskussjoni | Abela qalet li ser issir diskussjoni mill-istudenti tad-dental unit matul il-ġranet tas-Summer School mal-istudenti fl-iskejjel. | |
| 09. 8. 6 | | Caruana Raymond: Diskussjoni | Caruana qal li hemm pjan li ssir diskussjoni dwar il-kriminoloġija għat-tfal u adoloxxenti. | |
| 09. 8. 7 | | Attard: *Gay Pride Week* | Attard qal li jippjana diskussjoni edukattiva dwar dan fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fix-xahar ta' Settembru. Iktar dettalji fil-jiem li ġejjien. | |
| 09. 8. 8 | | Caruana Roderick: Triq il-Għadam | Caruana staqsa dwar Triq il_Għadam. Is-Sindku qalet li ser tqajjem dan mal-Ministru sabiex issir. Qalet ukoll li għandha ssir No Heavy Vehicles. Dwar dan kien hemm qbil. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 8. | 9 | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li din ser issir bejn is-Sibt, 28 u l-Ħadd, 29 ta' Settembru 2024. Ser issir laqgħa ma' dawk li huma nteressati jieħdu sehem. | |
| 09. | 8. | 10 | Sindku: *Foam Party* | Is-Sindku qalet li dan ser isir fis-27 ta' Lulju u ser isir logħob bl-ilma għat-tfal tal-Kids Club.<br>Qalet li l-Kids Club ser jibda jsir kull nhar ta' Sibt bejn it-3pm u l-5pm. | |
| 09. | 8. | 11 | Sindku: Ġurnatafuq il-Hornblower | Is-Sindku qalet li din ser issir fl-10 t'Awwissu. | |
| 09. | 8. | 12 | Sindku: Play | Is-Sindku qalet li l-kumpanija 4 Jays ser tagħmel il-play li jmiss bejn it-30 t'Awwissu u l-1 ta' Settembru. | |

**08. 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Ġunju 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €80.07. | Segretarju Eżekuttiv |

**08 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 12 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa. | |

**08 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:49pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 6 t'Awwissu 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |